**BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA'**
**CHAIRPERSON MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D.**

**Rikors Nru: 20/2024SG**

**Jojoe Company Limited (C 5506)**
**Joseph Pace (K.I. 564157M)**
**Lawrence Pace (K.I. 462227M)**
**Avukat Dottor Leontine Calleja (K.I. 2721269M) u**
**L-Avukat Dottor Helen Caruana (K.I. 61666M) bħala kuraturi tal-inabilitata Gemma Pace (K.I. 551122M) skont digriet tal-Qorti tal-Ġurisdizzjoni Volontarja, Digriet Numru 534/22, hawn anness u mmarkat bħala 'Dok A'.**

**vs**

**Carmelo Buttigieg (K.I. 792549M)**

**Illum, 26 ta' Marzu, 2025**

Il-Bord,

Ra r-rikors promotur mressaq fil-5 ta' April, 2024, fejn ġie premess u mitlub is-segwenti:

> *"i. Illi l-esponenti huma proprietarji ta' zewg bicciet art, tal-ghalqa ta' cirka 1,573.64 metri kwadri maghrufa bhala Ta' Tablin sive Ta' Tavlin sive Tal-Barrani, Zejtun, skont siteplan hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. B', soggett ghall-qbiela ta' €1.16, li jithallsu mill-intimat Carmelo Buttigieg, u dan kull 15 ta' Awwissu, kull sena jithallas b'lura.*
>
> *ii. Illi l-propjeta' in kwistjoni kienet originarjament tappartjeni lill-mejjet Carmelo Pace, li miet fit-23 ta' Lulju 1939, meta akkwista l-istess propjeta' b'kuntratt tal-31 Ottubru, 1932, fl-atti tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri.*

*iii. Illi Carmelo Pace kellu zewgt itfal, ossia Giuseppe Pace li jigi missier ir-rikorrenti Lawrence u Gemma Pace, in-nannu ta' Joseph Pace, u bintu ohra, li jisimha Mary Galea, li konsegwentement hwejjigha ghadda fuq binha Lawrence Galea, li sussegwentement ittrasferixxa kollox fuq is-socjeta' rikorrenti Jojoe Company Limited.*

*iv. Illi l-imsemmi Lawrence Galea, ittrasferixxa hwejjgu lil Jojoe Company Limited, li akkwistat nofs indiviz il-propjeta' in kwistjoni b'kuntratt tat-23 ta' Mejju 1981, fl-atti tan-Nutar Dottor Maurice Gambin, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. C'.*

*v. Illi n-nofs indiviz tal-iehor tal-art in kwistjoni tal-propjeta' tal-ahwa Pace, provenjenti mill-eredita' tal-mejjet Giuseppe Pace, ddevolva fuq il-mejjet Frank Pace, Lawrence Pace, il-mejta May Pace, u Gemma Pace, ghall-ottava parti indiviza ghal kull wiehed.*

*vi. Illi May Pace mietet xebba u l-wirt taghha ddevolva fuq ix-xebba l-ohra Gemma Pace, u b'hekk Gemma Pace ghandha kwart indiviz mill-istess art, waqt li r-rikorrenti Lawrence Pace, ghandu l-ottava parti indiviza tal-propjeta hawn fuq imsemmija.*

*vii. Illi Frank Pace, li kellu ottava (1/8) parti indiviza mill-istess raba, miet fis-6 ta' Dicembru 1988, fl-atti tan-Nutar Paul Pellegrini Petit, fejn huwa halla l-uzufrutt generali lill-martu Yolanda Pace, illum mejta ukoll, u innominaw bhala eredi universali taghhom lill-uliedhom r-rikorrenti Joseph Pace u bintu Geraldine Pace, kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni causa mortis, tal-15 ta' Dicembru 2004, fl-atti tan-Nutar Dr Pierre Attard, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok D':*

*viii. Illi b'kuntratt ta' donazzioni tat-18 ta' Lulju 2019, fl-atti tan-Nutar Joelle Cortis I-imsemmija Geraldine Cooper iddonat sehema ossia sedicezima (1/16) parti indiviz mill-propjeta' hawn fuq imsemmija, lill-uliedha Luisa May Cooper u Sarah May Cooper, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok E:*

*ix. Illi b'kuntratt ta' divizjoni u assenjazzjoni tat-22 ta' Ottubru 2021, fl-atti tan-Nutar Dr Philip Lanfranco, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok F', ir-rikorrenti Joseph Pace gie assenjat din il-porzjoni indiviza ta' sedicezima parti biex b'hekk huwa ghandu ottava (1/8) parti indiviza tal-propjeta in kwistjoni, akkwistata mill-eredita' tal-mejjet missieru Frank Pace. Ghalhekk, Joseph Pace ghandu kwart*

*indiviz mill-eredita' tal-mejjet missieru, Frank Pace, u stante li Jojoe Company Limited ghandha n-nofs indiviz l-iehor, ghandu ottava parti indiviza mit-totalita' tal-propjeta in kwistioni.*

*x. Illi l-ghalqa in kwistjoni ghandha valur ta' mitt elf (€400,000) ilha mikrija ossia mqabbla ghal generazzjonijiet shah lill-antekawza tal-intimat ossia l-mejta genituri tieghu u qabilhom lill-antenati taghhom, bil-qbiela ta' €1.16 fis-sena liema qbiela tithallas kull 15 t'Awwissu, b'lura, u dan kif jirrizulta mir-ricevuti li ser jigu pprezentati waqt it-trattazzjoni tal-kawza. U ghalhekk il-valur lokatizzju m'ghandux ikun inqas minn €6,000 fis-sena.*

*xi. Illi ai termini tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta, l-intimat wiret il-qbiela tar-raba fuq msemmija minghand il-genituri tieghu.*

*xii. Illi gialadarba t-titolu ta' lokazzjoni li ghandu l-intimat Buttigieg huwa titolu ta' qbiela ossia lokazzioni agrikola, japplika I-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*xiii. Illi jehtieg jitqabbdu zewg periti biex jistmaw il-valur lokatizzju fis-suq ta' dawn l-ambjenti kollha b'dan illi jekk il-Bord ma jsibx raguni bizzejjed biex l-intimati jigu zgumbrati mill-ghalqa, ai termini tal-Att XXII tal-2022 dan il-Bord ghandu jgholli I-kera tal-istess raba u dan b'kera gusta wara li titqies il-valur tar-raba, stmata fis-suq ir-raba ghall-uzu agrikolu, biex b'hekk jinkiseb il-valur lokatizzju fis-suq miftuh, il-mezzi tal-kerrej, ic-cirkostanzi tar-raba u kwalunkwe piz li jista' jkun sproporzjonat ghal sid il-kera.*

*xiv. Illi I-kera li ghandha tigi riveduta mill-Bord ai termini tal-Att XXII tat-2022, ghandha tkun ta' 1.5% fis-sena tal-valur tal-art libera u franka bl-ambjenti li hemm fuqha, inkluz kamra u bir tal-intimat Buttigieg ghandha tigi valutata bir-rata fuq imsemmija ai termini tal-istess ligi hawn riferita.*

*xv. Illi I-kera kif riveduta ghandha tkun 1.5% bil-valur tal-art b'zidiet gradwali tul il-perjodu ta' tmien snin sakemm jasal iz-zmien tar-rivezjoni, u dan ai termini tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitlobu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jordna r-ripresa tal-ghalqa art ta' cirka 1563.64 metri kwadri, kif ahjar delineata fis-siteplan hawn annessa mmarkata bl-iswed bhala "Dokument B", bl-ambjenti*

*fiha mill-artijiet ta' Ta' Tablin, sive Ta' Tavlin, sive Tal-Barrani fil-limiti Taz-Zejtun, liema proprjeta tinkludi kamra u bir u fin-nuqqas ta' dan jistma' I-valur lokatizziu tar-raba' li m'ghandux ikun inqas minn €6,000 fis-sena hawn fuq imsemmija ai termini tad-disposizzionijiet tal-Att XXII tal-2022, b'rizerva ghal kull azzjoni Kostituzzionali ghal likwidazzioni ta' danni pekunjajri u non-pekunjajri sal-introduzzioni tal-Att XXII tal-2022 u biex l-istess Att XXII tal-2022, wara li din il-kawza tigi finalizzata, ghal dikjarazzioni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali tal-istess Att XXII tal-2022 li talvolta jistghu jintavolaw l-istess rikorrenti jekk l-istima tar-raba' u mhijiex gradevoli ghalihom ghaliex ma tkunx stmata skont is-suq liberu."*

Ra r-risposta tal-intimat ippreżentata fis-27 ta' Mejju, 2024, fejn gie eċċepit is-segwenti:

*"1. Illi, din ir-Risposta qiegħda tiġi ntavolata mill-eċċipjenti odjern bi tweġiba għar-Rikors tal-atturi a tenur tal-Artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta, tenut kont tal-fatt li t talbiet rikorrenti, u dan b' mod alternattiv, qeghdin jitolbu t-tibdil ta' kondizzjonijiet ta' kirja, u n-nuqqas ta' tiġdid tal-istess;*

*2. Illi, l-eċċipjenti jeċċepixxi kif it-talba għan-nuqqas ta' tiġdid ta kirja ma tistax minn dan l-Onorabbli Bord tiġi akkolta, u dan tenut kont tal-fatt li r-rikorrenti jonqsu milli jipprovdu raġunijiet dettaljati u suffiċjenti biżżejjed 'il għala dan il-pussess huwa lura meħtieġ. Di fatti, dan imur kontra r-raba' (4) Artikolu surreferit tal-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*3. Illi, mingħajr preġudizzju ghal dak li sa issa ntqal, u b'sosten għat-tieni (2) paragrafu tal-presenti, it-talbiet rikorrenti jonqsu milli jiġu msejsa fuq waħda mir-raġunijiet 'il għala dan l-Onorabbli Bord għandu jilqa' t-talba għan-nuqqas ta' tiġdid ta' kirja, u dan bi ksur għall-istess Artikolu 4 imsemmi;*

*4. Illi, fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għall-ewwel, anke jekk ma hemmx raġuni valida fil-Liġi għal dan, f'każ li dan l-Onorabbli Bord sejjer jakkolji t-talba rigwardanti l-valur lokatizzju tar-raba', iċ-ċifra msemmija ta' wieħed punt ħamsa fil-mija (1.5%) fis-sena tal-valur tal-art libera u franka, hija biss il-massimu. B' hekk kwalsiasi perċentwali għandu jkun anqas minn wieħed punt ħamsa fil-mija (1.5%);*

*5. Illi, u dan jinghad in vista tal-Artikolu 3 (2A) (c), l-eccipjenti jissottomettu kif dan l-Onorabbli Bord, f'kaz ta' revizjoni fil-kera, ghandu jikkonsidra l-mezzi limitati tal-eccipjenti, u dan stante li huwa pensjonant;*

*6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permess mil-Liġi.*

*Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, u mingħajr preġudizzju għal kull eċċezzjoni oħra permessa mil-Liġi, u spettanti lill-eċċipjenti, l-eċċipjenti jitlob lil dan l-Onorabbli Bord jirrespinġi t-talbiet tar-rikorrenti fl-intier tagħhom, bl-ispejjeż kontra l-istess."*

Ra d-dokumenti eżebiti;

Ra r-rapport tal-Membri Tekniċi;

Sema' l-provi prodotti;

Ra li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra:**

Fl-ewwel lok, dan il-Bord jagħmel referenza għall-verbal tat-3 ta' Ġunju, 2024, fejn ir-rikorrenti rtiraw it-talba tagħhom għal ripreża ta' din ir-raba', u fejn l-intimati rtiraw it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tagħhom.

Fit-tieni lok, il-Bord jagħmel referenza għall-verbal tad-9 ta' Ottubru, 2024, fejn ġie mniżżel li l-intimat qiegħed jagħraf lis-soċjetà rikorrenti hekk rappreżentata, bħala s-sid tal-artijiet in kwistjoni.

Għalhekk jifdal li dan il-Bord jeżamina t-talba magħmula dwar l-awment tal-qbiela.

Dwar it-talba għal stima sabiex tiġi awmentata l-qbiela, il-Bord iqis li din il-kawża ġiet ippreżentata fi żmien, meta kien daħal fis-seħħ l-Att XXII tal-2022, li kien introduċa varji emendi fil-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta. B'mod partikolari, fiż-żmien li ġiet ippreżentata din il-kawża, l-Artikolu 3(2A) u (3) tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta beda jaqra s-segwenti:

*"(2A) Meta t-tibdil fil-kondizzjonijiet ta' kirja taħt dan l-artikolu jkun jikkonsisti f'żieda fil-kera għandhom japplikaw d-dispożizzjonijiet li ġejjin:*

*(a) is-sid għandu fir-rikors tiegħu jindika b'kemm għandha togħla l-kera;*

*(b) il-kerrej min-naħa tiegħu għandu jindika fir-risposta tiegħu kemm fil-fehma tiegħu għandha tkun il-kera ġusta;*

*(ċ) fis-sentenza finali tiegħu l-Bord għandu jistabbilixxi l-kera ġusta wara li jqis il-valur tar-raba' stmata bħala raba' għal użu agrikolu li jista' jinkiseb fuq is-suq miftuħ, il-mezzi tal-kerrej, iċ-ċirkostanzi u lkondizzjoni tar-raba' u kwalunkwe piż li jkun sproporzjonat għal sid il-kera;*

*(d) il-Bord jista' jistabbilixxi li kwalunkwe żieda fil-kera għandha tkun gradwali;*

*(e) il-kera kif riveduta mill-Bord ma għandhiex teċċedi wieħed punt ħamsa fil-mija (1.5%) fis-sena tal-valur tal-art libera u franka stabbilit skont il-paragrafu (ċ);*

*(f) meta r-raba' jinkludi razzett li jkun użat mill-kerrej bħala l-post ta' residenza unika tiegħu, il-kera għal dak ir-razzett waħdu ma għandhiex teċċedi tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur tar-razzett liberu u frank fissuq miftuħ:*

*Iżda l-kerrej għandu jingħata l-għażla mill-Bord li ma jkomplix fil-kirja tar-razzett, u jkompli biss fil-kirja tar-raba' b'dik il-kera kif riveduta millBord skont dan is-subartikolu;*

*(g) il-kera riveduta għandha tapplika għal perjodu ta' tmien (8) snin;*

*(h) il-kera għandha tibqa' l-istess wara l-għeluq tat-tmien (8) snin, sakemm ma jintlaħaqx ftehim mod ieħor bejn il-kerrej u sid il-kera, jew sakemm sid il-kera ma jerġax jitlob iż-żieda fil-kera skont dan l-artikolu.*

*(3) Il-Bord jista', minflok ma jiċħad il-kondizzjonijiet ġodda proposti minn sid il-kera, jimmodifikahom u japprovahom sa fejn ikunu ġustifikati bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li hemm fis-subartikoli (2) u (2A):*

*Iżda f'ebda każ ma għandhom dawk il-kondizzjonijiet ikunu anqas favorevoli għal sid il-kera minn dawk tal-aħħar kirja preċedenti."*

Meta l-Bord evalwa dan l-Artikolu fid-dawl tar-rikors promotur u tar-risposta ppreżentata, iqis li s-sidien fir-rikors tagħhom, indikaw li l-kera tar-raba' għandha togħla fl-ammont ta' €6,000. Mir-risposta tal-intimat, ma jidhirx li ġiet indikata kemm, fil-fehma tal-intimat, għandha tkun il-kera ġusta. Illi kulma hemm imniżżel huwa, li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda. Dan il-Bord iqis li l-fatt li ma tniżżilx mill-intimat, l-ammont ta' kera ġusta skont il-fehma tagħhom, ma jirrendix din l-azzjoni irregolari b'xi mod, peress li l-iskop tal-Leġiżlatur wara tali dispożizzjoni kien, sabiex ikun hemm stipulat minn entrambi l-partijiet, kemm qed jippretendu li għandha tkun il-kera.

Il-Bord sejjer issa jgħaddi, biex iqis il-kera ġusta li għandha titħallas, u li skont l-istess Artikolu 2A(ċ) tal-Kap 199 għandha tiġi stabbilita, wara li dan il-Bord iqis il-valur tar-raba' stmata bħala raba' għal użu agrikolu, li jista' jinkiseb fuq is-suq miftuħ, il-mezzi tal-kerrej, iċ-ċirkostanzi u l-kondizzjoni tar-raba', u kwalunkwe piż li jkun sproporzjonat għal sid il-kera.

Dan il-Bord fela l-Avviż Legali 60 tal-2023, Leġiżlazzjoni Sussidjarja 199.02, li jikkonsisti f'regolamenti dwar il-valutazzjoni tal-art agrikola, u li kif jispjega l-Artikolu 2 ta' dawn ir-Regolamenti, l-għan tagħhom huwa sabiex jistabbilixxi metodu standard ta' valutazzjoni, li għandu jiġi applikat għall-valutazzjonijiet kollha tal-valur tas-suq miftuħ tal-art agrikola.

Dan il-Bord iqis li l-valur tar-raba' stmata bħala raba' għal użu agrikolu, li jista' jinkiseb fuq is-suq miftuħ, **għandu jiġi kkalkolat abbażi ta' dawn l-istess Regolamenti.**

Tenut kont li dan l-eżerċizzju huwa wieħed li jeħtieġ stima ta' raba' u fehmiet tekniċi oħra, ai termini tal-Artikolu 5(8) tal-Kap 199, inħatru żewġ membri tekniċi, li ppreżentaw ir-rapport tagħhom.

Il-Bord fela r-rapport dettaljat tal-Membri Tekniċi. Peress li r-raba' kienet maqsuma f'żewġ porzjonijiet, il-membri tekniċi ħarġu żewġ rapporti separati, li fih ikkonkludew li l-istima tal-valur tar-raba' in kwistjoni libera u franka, stmata bħala raba' għal użu agrikolu li jista' jinkiseb fuq is-suq miftuħ, fid-dawl tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 199.02, huwa ta' €3,726.23ċ fir-rigward ta' porzjon raba' magħruf bħala Ta' Tablin sive Ta' Tavlin sive Tal-Barrani limiti taż-Żejtun, Malta, bil-kejl ta' 985 metri kwadri, u ta' € 1,425.30ċ fir-rigward ta' porzjon raba' magħruf bħala Ta' Tablin sive Ta' Tavlin sive Tal-Barrani limiti taż-Żejtun, Malta, bil-kejl ta' 487 metri kwadri. Il-Bord jagħmilha ċara li għalkemm inħarġu żewġ rapporti separati, il-kirja tibqa' waħda u għalhekk dak li ser jagħmel il-Bord huwa, li fuq dawn il-valuri, jikkalkola x'inhu l-awment globali li għandu jitħallas. Il-Bord jagħmel referenza f'dan l-istadju, għall-Artikolu 9(3) tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipola li ċ-Chairman huwa obbligat li joqgħod fuq ir-rapporti taż-żewġ membri li jinsabu fuq iż-żewġ listi, li jkunu ġew assenjati każ partikolari skont l-Artikolu 5(8), kull meta r-rapporti jkunu unanimi. Per konsegwenza, iċ-Chairman ta' dan il-Bord sejjer joqgħod fuq ir-rapport tal-Membri Tekniċi u fuq il-konklużjonijiet li laħqu.

Dwar iż-żieda fil-kera, dan il-Bord ikkonsidra li ma tressqux provi dwar il-mezzi tal-kerrej, hekk kif delinjat fl-Artikolu 3(2A) (ċ) tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar kwalunkwe piż li jkun sproporzjonat għal sid il-kera, il-Bord fela l-kontenut tal-affidavit ta' Carmelo Buttigieg. Mir-rapport tal-Membri Tekniċi, il-Bord seta' jikkonstata ċ-ċirkostanzi u l-kondizzjoni tar-raba' in kwistjoni, hekk kif mitlub fl-Artikolu 3(2A)(ċ) tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalkemm huwa minnu li dan il-Bord għandu d-diskrezzjoni li jistabbilixxi li kwalunkwe żieda fil-kera tkun gradwali, u li l-kera kif riveduta tkun ta' perċentwal li ma jeċċedix 1.5% fis-sena tal-valur tal-art libera u franka, hekk kif stabbilita fl-Artikolu 3(2A)(ċ) tal-Kap 199, dan il-Bord iqis li fid-dawl ta' diversi sentenzi li qed jiġu mogħtija mill-Qrati Kostituzzjonali, dwar leżjoni tad-drittijiet fondamentali tas-sidien, kif sanċiti fl-Artikolu 1, Protokol 1, tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali vis a vis kirjiet agrikoli, u kif ukoll fid-dawl taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-persentaġġ li għandu jiġi utilizzat huwa dak ta' 1.5%, u ċioè l-massimu stipulat fil-liġi viġenti.

Għaldaqstant, dan il-Bord qiegħed jikkonkludi, li l-kera riveduta għandha tkun dik ta' 1.5% fis-sena tal-valur tal-art libera u franka, stabbilit skont il-paragrafu 3(2A)(ċ)tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioè 1.5% ta' €3,726.23ċ u 1.5% ta' €1425.30ċ. Per konsegwenza, iż-żieda fil-kera ta' porzjon raba' magħruf bħala Ta' Tablin sive Ta' Tavlin sive Tal-Barrani limiti taż-Żejtun, Malta, bil-kejl ta' 985 metri kwadri għandha tkun ta' € 55.89ċ u ta' porzjon raba' magħruf bħala Ta' Tablin sive Ta' Tavlin sive Tal-Barrani limiti taż-Żejtun, Malta, bil-kejl ta' 487 metri kwadri għandha tkun ta' € 21.38ċ, b' dana li l-awment fil-kera għandu jkun dak ta' € 77.27ċ.

Finalment il-Bord iqis, li ma jeżistux raġunijiet validi sabiex din iż-żieda tkun waħda gradwali. In oltre, stante li ma rriżultax li f'din ir-raba' kien hemm xi razzett jew bini li kien qed jiġi utilizzat bħala post ta' residenza, dan il-Bord ma kellux għalfejn jidħol f'eżami dwar kalkoli ta' kera, ai termini tal-Artikolu 3(2A) (f) tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq premessi, il-Bord qiegħed jiddisponi minn din il-vertenza, billi jordna li l-kera tal-ambjenti in kwistjoni u ċioè ta' żewġ biċċiet art, tal-għalqa ta' circa 1,573.64 metri kwadri, magħrufa bħala Ta' Tablin sive Ta' Tavlin sive Tal-Barrani, Żejtun, għandha tkun dik ta' € 77.27ċ fis-sena. Il-Bord jagħmilha ċara li din il-kera riveduta għandha tapplika għal perijodu ta' tmien snin mil-lum. In oltre, din il-kera għandha tibqa' l-istess wara l-għeluq tat-tmien snin, sakemm ma jintlaħaqx ftehim mod ieħor bejn il-kerrej u sid il-kera, jew sakemm sid il-kera ma jerġax jitlob iż-żieda fil-kera, skont l-Artikolu 3(2A) tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Minħabba n-natura tal-proċeduri, kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha.**

______________________________ ______________________________

**Maġistrat Dr. Simone Grech**
**Chairperson**

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**